**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA TAT-12 TA' LULJU, 2001**

Kawza Numru 26

Citazzjoni Numru 1050/01GC

Fl-ismijiet:-

Allied Travel Services Limited

Vs.

Country Style (Malta) Limited

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici, precedentement mgharufa bhala Mondial Holidays Limited, bieghet u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta biljetti tal-ajru kif wkoll servizzi ohra rezi;

Illi is-socjeta konvenuta ghad fadallha thallas bilanc ta' elf tlett mija wiehed u hamsin lira Maltin (Lm1351) skond kopji ta' fatturi annessi u mmarkati Dok. A.;

Illi meta is-socjeta konvenuta giet debitament interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Ottubru, 2000 baqghet ma hallsitx u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Peress illi dan il-bilanc pretiz huwa cert likwidu u dovut u s-socjeta konvenuta m'ghandhiex difiza xi tressaq ghalhekk is-socjeta attrici talbet lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex:-

1. m'ghandiex din il-kawza isseqwi l-procedura stabbilita fl-artikolu l67 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. m'ghandiex tigi kkundannata minn din l-Onorabbli Qorti thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf tlett mija wiehed u hamsin (Lml351) Lira Maltin, bilanc ta' bejgh u konsenja ta' biljetti ta' l-ajru u ta' servizzi ohra;

Bl-ispejjes inkluzi l-imghaxijiet legali mid-data tal-bejgh u konsenja sad-data tal-pagament effettiv, u dawk tal-ittra ufficcjali tat-30 ta'Ottubru, 2000 kontra is-socjeta konvenuta li baqghet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata llum

stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur